MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

## ONOR. IMHALLEF
## GIANNINO CARUANA DEMAJO

Seduta tal-31 ta' Mejju, 2004

Citazzjoni Numru. 630/1999/1

**L-Avukat Professur Ian Refalo bħala prokuratur speċjali għan-nom u in rappreżentanza tas-soċjetà estera *CO.M.IND. s.r.l.***

***Versus***

***Blaschem (Malta) Limited***

F'din il-kawża s-soċjetà attriċi qiegħda titlob ħlas tal-prezz ta' apparat elettroniku u industrijali mibjugħ lis-soċjetà konvenuta.

Iċ-ċitazzjoni tgħid illi s-soċjetà konvenuta għad għandha tħallas daqskemm jiswew tnejn u erbgħin miljun, ħames mija u tletin elf, sitt mija u tmenin lira taljana (LIT 42,530,680) bħala l-prezz ta' l-apparat fuq imsemmi. Billi għalxejn sejħet lill-konvenuta biex tħallas, is-soċjetà attriċi fetħet din il-kawża biex titlob illi l-qorti tikkundanna lis-soċjetà konvenuta tħallasha disat elef, seba' mija u sitta u tletin lira u tlieta u tmenin ċenteżmu (Lm9,736.83), daqskemm jiswew bil-kambju ta' dakinhar tal-preżentata

taċ-ċitazzjoni tnejn u erbgħin miljun, ħames mija u tletin elf, sitt mija u tmenin lira taljana (LIT 42,530,680), flimkien ma’ l-imgħax minn dakinhar tal-fatturi relativi sa dakinhar tal-ħlas, u l-ispejjeż, fosthom dawk ta’ ittra uffiċjali u ħamsin lira (Lm50) spejjeż ta’ l-uffiċċju.

Is-soċjetà attriċi kienet talbet ukoll illi l-kawża tinqata’ bid-dispensa tas-smigħ taħt il-proċedura sommarja speċjali, iżda l-qorti, b’dikriet ta’ l-1 ta’ Ġunju 1999[1], ordnat illi l-kawża timxi bil-proċedura normali, u s-soċjetà konvenuta ressqet l-eċċezzjoni illi hija ħallset il-prezz kollu ta’ l-apparat u għalhekk ma għad għandha tagħti xejn aktar.

Il-fatti li wasslu għal din il-kawża ġraw hekk:

Is-soċjetà attriċi kienet biegħet u ikkonsenjat lis-soċjetà konvenuta l-apparat muri fuq erba’ fatturi esebiti maċ-ċitazzjoni[2]; il-prezz, b’kollox, kien ta’ tnejn u erbgħin miljun, ħames mija u tletin elf, sitt mija u tmenin lira taljana (LIT 42,530,680). Is-soċjetà konvenuta ma hijiex qiegħda tikkontesta li saru l-bejgħ u l-konsenja, u lanqas ma hija qiegħda tikkontesta l-prezz, iżda qiegħda tgħid illi ġà ħallset billi fis-6 ta’ Frar 1998[3] ikkonsenjat lill-kreditriċi ċedola għall-portatur maħruġa mill-*Cassa di Risparmio delle Provincie Lombarde S.p.A.* għal ħamsin miljun lira taljana (LIT 50,000,000), li kellha timmatura fis-6 ta’ Mejju 1998 u li kienet ukoll tagħti titolu għal imgħax ta’ ħames miljuni, għoxrin elf, erba’ mija u għaxar liri taljani (LIT 5,020,410)[4] — b’kollox ħamsa u ħamsin miljun, għoxrin elf, erba’ mija u għaxar liri taljani (LIT 55,020,410).

Is-soċjetà attriċi qiegħda tgħid illi dik iċ-ċedola ngħatat mhux lilha iżda lil soċjetà oħra, *Plant Chemical Engineering AG*, li wkoll kienet għamlet fornituri lis-soċjetà konvenuta, u li wieħed mid-diriġenti tagħha, Silvano Scotoni, huwa wkoll diriġent tas-soċjetà attriċi. *Plant Chemical Engineering AG* ukoll fetħet kawża kontra s-soċjetà konvenuta għall-ħlas tal-prezz ta’ fornituri[5], u

1 *Fol.* 20.

2 *Foll.* 5 *et seq.*; *fol.* 8 *et seq.*; *fol.* 11 *et seq.*; u *fol.* 13.

3 *Fol.* 22.

4 *Fol.* 21.

5 ~itaz. 1094/2000 fl-ismijiet **Av. Ian Refalo *nomine versus Blaschem (Malta) Limited*.**

b'dikriet tat-30 ta' Novembru 2000[6] il-qorti ordnat illi ż-żewġ kawżi jimxu flimkien. Fil-kawża l-oħra *Plant Chemical Engineering AG* tqis il-ħlas magħmul biċ-ċedola bħala magħmul lilha, u l-bilanċ li qiegħda titlob huwa maħdum bħallikieku l-ħlas sar lilha.

Pietro Blasina, direttur tas-soċjetà konvenuta, xehed fit-3 ta' Marzu 2000 illi l-ħlas għamlu lil Scotoni u li "la *Plant Chemical* non l'ho mai vista e non ho mai parlato con nessuno della *Plant Chemical*"[7]. Effettivament qiegħed igħid illi l-ħlas sar lis-soċjetà attriċi għax ma' *Plant Chemical Engineering AG* is-soċjetà konvenuta ma għandha ebda relazzjoni.

Dan iżda ma jaqbel xejn ma' dak li qal l-istess Pietro Blasina fil-kawża magħmula minn *Plant Chemical Engineering AG* kontra s-soċjetà konvenuta[8], meta fid-dikjarazzjoni maħlufa tiegħu qal illi s-soċjetà konvenuta kienet ordnat apparat mekkaniku u elettriku mingħand *Plant Chemical Engineering AG* li forniet dak il-materjal[9].

Fil-fatt, mix-xhieda ta' Pietro Blasina, mogħtija fil-kawża tallum fit-3 ta' Marzu 2000[10], jirriżulta illi Blasina ma jagħmilx distinzjoni bejn is-soċjetà attriċi u *Plant Chemical Engineering AG*. Naturalment, dan ma jfissirx illi ż-żewġ soċjetajiet ma għandhomx personalità magħżula waħda minn ta' l-oħra, u ħlasijiet magħmula lil waħda ma jistgħux jitqiesu magħmula lil oħra.

Il-kwistjoni għalhekk hi jekk il-ħlas magħmul biċ-ċedola għall-portatur sarx tassew lis-soċjetà attriċi jew lil terzi.

Mix-xhieda taż-żewġ partijiet ħareġ illi ċ-ċedola illi immaturat fis-6 ta' Mejju 1998 kienet ingħatat mis-soċjetà konvenuta flok ċedola oħra, ukoll għal ħamsin miljun lira taljana (LIT 50,000,000), li immaturat fid-19 ta' Settembru 1997[11], li wkoll kienet ingħatat mis-soċjetà konvenuta — lis-soċjetà attriċi, skond hi, u lil *Plant Chemical Engineering AG* skond is-soċjetà attriċi — u ngħatatilha lura meta immaturat.

---

6 *Fol.* 90.

7 *Fol.* 55.

8 ~itaz. nru 1094/2000.

9 *Fol.* 79 tal-pro`ess 1094/2000, para. 2.

10 *Foll.* 55 *et seqq.*

11 *Fol.* 83.

Skond Pietro Blasina l-ewwel ċedola kienet ingħatat f'Novembru ta' l-1997[12]. Għandu mnejn ukoll illi kien xi ftit qabel għax f'Novembru ta' l-1997 l-ewwel ċedola kienet ġà immaturat.

Ir-relevanza tad-data meta ngħatat iċ-ċedola l-ewwel darba tidher meta tqis illi l-fatturi tas-soċjetà attriċi saru bejn Frar u Marzu ta' l-1998[13], waqt li l-fattura ta' *Plant Chemical Engineering AG* saret fis-27 t'Ottubru 1997[14]. Ħlas magħmul f'Novembru ta' l-1997 jew ftit qabel x'aktarx sar akkont ta' fattura maħruġa f'Ottubru ta' l-1997 milli ta' fattura maħruġa fi Frar ta' l-1998.

Il-qorti għalhekk aktar temmen illi l-ħlas li sar bil-konsenja ta' ċedola għall-portatur sar akkont ta' dak li kellu jitħallas lil *Plant Chemical Engineering AG* u mhux ta' dak li kellu jitħallas lis-soċjetà attriċi.

Barra minn hekk, fil-kawża ta' *Plant Chemical Engineering AG*, hemm prospett ta' ħlasijiet magħmula mis-soċjetà konvenuta lil dik is-soċjetà, u dan il-prospett juri wkoll il-ħlas magħmul biċ-ċedola. Fl-*affidavit* ta' Pietro Blasina, ippreżentat fl-atti ta' dik il-kawża, jingħad illi s-soċjetà konvenuta taqbel li saru dawk il-ħlasijiet[15]. Jekk is-soċjetà konvenuta qiegħda taqbel illi l-ħlas għandu jitqies bħala magħmul lil *Plant Chemical Engineering AG* ma tistax issa tippretendi illi l-istess ħlas jitqies magħmul lis-soċjetà attriċi wkoll.

Għal dawn ir-raġunijiet, fil-fehma tal-qorti lis-soċjetà konvenuta ma seħħilhiex li tagħmel il-prova tal-ħlas, u għalhekk l-eċċezzjoni tagħha hija miċħuda.

Billi ma saret ebda kontestazzjoni oħra ħlief l-eċċezzjoni ta' ħlas, il-qorti, wara li tiċħad l-eċċezzjoni, tilqa' t-talba tas-soċjetà attriċi u tikkundanna lis-soċjetà konvenuta tħallas lis-soċjetà attriċi s-somma ta' disat elef, seba' mija u sitta u tletin lira u tlieta u tmenin ċenteżmu (Lm9,736.83) flimkien ma' l-imgħax u l-ispejjeż mitluba fiċ-ċitazzjoni.

---

12 Ara x-xhieda ta' Pietro Blasina fis-seduta tat-3 ta' Marzu 2000, *foll*. 61 *et seq*.

13 *Foll*. 5 *et seqq*.

14 *Fol*. 16 fl-atti tal-pro`ess 1094/2000.

15 *Fol*. 87 tal-pro`ess 1094/2000.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------